



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 150/25

il-Lussemburgu, 2 ta' Diċembru 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-492/23 | Russmedia Digital u Inform Media Press

Protezzjoni tad-data: l-operatur ta' sit tas-suq online huwa responsabbli għall-ipproċessar tad-data personali li tinsab fir-reklami ppubblikati fil-pjattaforma tiegħu

F'dan il-kuntest, huwa għandu b'mod partikolari jidentifika, qabel il-pubblikazzjoni, ir-reklami li jinkludu data sensittiva u jivverifika li min jirreklama jkun effettivament il-persuna li d-data tagħha tinsab fir-reklam jew li jkollu l-kunsens espliċitu ta' din il-persuna

Id-dritt tal-Unjoni jimponi fuq operatur ta' sit ta' suq online l-obbligu li jassumi r-responsabbiltà għal data personali li tinsab fir-reklami ppubblikati fil-pjattaforma tiegħu, skont il-GDPR ¹. Huwa għandu b'mod partikolari jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jidentifika, qabel il-pubblikazzjoni, ir-reklami li jinkludu data sensittiva u jivverifika li min jirreklama jkun effettivament il-persuna li d-data tagħha tinsab fir-reklam. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-operatur għandu jirrifjuta li jippubblika r-reklam, ħlief jekk min jirreklama jkun jista' juri li din il-persuna tkun tat il-kunsens espliċitu tagħha għal din il-pubblikazzjoni jew jekk din taqa' taħt waħda mill-eċċezzjonijiet l-oħra previsti mill-GDPR ². Addizzjonalment, l-operatur għandu jimplimenta miżuri sabiex iżomm milli tali reklami, ladarba jiġu ppubblikati fil-pjattaforma tiegħu, jiġu kkopjati u ppubblikati illegalment f'siti oħra internet. Barra minn hekk, huwa ma jistax jevita dawn l-obbligi billi jinvoka d-Direttiva 2000/31/KE ³, li fost l-oħrajn tinkludi artikoli ⁴ dwar sitwazzjonijiet fejn il-fornituri ta' servizzi ta' soċjetà tal-informazzjoni ma jistgħux jinżammu responsabbli.

Russmedia Digital, kumpannija rregolata mid-dritt Rumen, hija s-sid tas-sit internet www.publi24.ro. Dan is-sit huwa suq online li fih jistgħu jiġu ppubblikati reklami mingħajr ħlas jew bi ħlas. Dawn ir-reklami jikkonċernaw b'mod partikolari l-bejgħ ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi fir-Rumanija. Fl-1 ta' Awwissu 2018, persuna mhux identifikata ppubblikat f'dan is-sit messaġġ li kien jgħid li mara kienet qiegħda toffri servizzi sesswali. Dan il-messaġġ kien jinkludi ritratti tagħha, użati mingħajr il-kunsens tagħha, kif ukoll in-numru tat-telefon tagħha. Il-mara qieset li r-reklam kien malafamanti u ta' ħsara; għalhekk, hija talbet lill-proprietarju tas-sit ineħħih. Fi żmien siegħa wara din it-talba, Russmedia Digital neħħiet il-pubblikazzjoni inkwistjoni. Madankollu, ir-reklam inkwistjoni kien diġà xxandar f'siti internet oħra, li fuqhom huwa baqa' aċċessibbli.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li dehrilha li r-reklam kien jikser kemm id-drittijiet tagħha għall-immaġni, għall-unur u għar-reputazzjoni, u għall-ħajja privata, kif ukoll ir-regoli dwar l-ipproċessar tad-data personali, il-mara ressqet kawża quddiem qorti Rumena. Il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Cluj-Napoca laqgħet ir-rikors tagħha u kkundannat lil Russmedia Digital tħallasha EUR 7 000 għad-danni morali. Fl-appell, il-qorti speċjalizzata ta' Cluj madankollu ħelset lill-kumpannija, għax ikklassifikatha bħala sempliċi fornitur ta' servizzi ta' hosting mhux responsabbli għall-kontenut ippubblikat mill-utenti tagħha.

Il-vittma għalhekk appellat quddiem il-Qorti tal-Appell ta' Cluj. Dik il-qorti ddeċidiet li titlob kjarifiki lill-Qorti tal-Ġustizzja kemm dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar l-obbligi imposti fuq operatur ta' suq online skont il-GDPR, kif ukoll dwar jekk dan jistax jevita dawn l-obbligi minħabba l-eżenzjoni mir-responsabbiltà prevista mid-Direttiva 2000/31 għall-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni ⁵.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-operatur ta' suq online bħal Russmedia Digital **huwa responsabbli**, fis-sens tal-GDPR ⁶, **għall-ipproċessar tad-data personali li tinsab fir-reklami ppubblikati fis-suq online tiegħu**. Fil-fatt, għalkemm ir-reklam jiġi impostat minn utent, huwa biss permezz tas-suq online li dan ir-reklam jiġi ppubblikat fl-internet u, b'dan il-mod, isir aċċessibbli għall-utenti internet.

Konsegwentement, l-operatur ta' suq online **għandu, qabel il-pubblikazzjoni ta' dawn ir-reklami** u permezz ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, **jidentifika r-reklami li jinkludu data sensittiva**, bħal dik inkwistjoni f'din il-kawża, **u jivverifika jekk l-utent li jkun jrid jimposta tali reklam ikunx il-persuna li d-data sensittiva tagħha tkun tinsab fih**.

Jekk dan ma jkunx il-każ, huwa għandha **jivverifika jekk il-persuna** li d-data tagħha tiġi ppubblikata **tkunx tat il-kunsens espliċitu tagħha għall-pubblikazzjoni**. Fl-assenza ta' dan il-kunsens, l-operatur ta' suq online għandu **jirrifjuta li jipubblika** r-reklam inkwistjoni, ħlief jekk dan jaq' taħt waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fil-GDPR. Barra minn hekk, l-operatur ta' suq online għandu jagħmel dak kollu possibbli sabiex iżomm ir-reklami li jinkludu data sensittiva li jiġu ppubblikati fis-sit tiegħu milli jiġu kkopjati u ppubblikati illegalment f'siti oħra internet. Għal dan il-għan, huwa għandu jimplementa miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi xierqa.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-operatur ta' suq online ma jistax jevita dawn l-obbligi, imposti fuq mill-GDPR, billi jinvoka l-ħelsien mir-responsabbiltà prevista fid-Direttiva 2000/31.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

² Ara l-Artikolu 9 tal-GDPR li jipprevedi sistema ta' protezzjoni speċjali għal data sensittiva, fosthom id-data dwar il-ħajja sesswali jew l-orjentazzjoni sesswali ta' persuna fiżika. Skont dan l-artikolu, l-ipproċessar ta' tali data huwa, bħala prinċipju, ipprojbit, ħlief jekk ikun kopert minn waħda mill-eċċezzjonijiet elenkati fih.

³ [Direttiva 2000/31/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku).

⁴ Ara l-Artikoli 12 sa 15 tad-Direttiva 2000/31.

⁵ Ara l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2000/31.

⁶ Ara l-punt 7 tal-Artikolu 4 tal-RĠPD.